MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 188/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alfred Barbara**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alfred Barbara talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Jannar 2010 u Frar 2010, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jaghti lil Grace Barbara u/jew lil uliedu s-somma fil-gimgha ffissata minn dik il-Qorti jew stipulat bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ April 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Alfred Barbara hati u kkundannatu gimaghtejn detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Alfred Barbara tas-27 ta’ April 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u tilliberah mill-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fis-seduta tallum id-difensur ta’ l-appellant esebixxa kopja ta’ ftehim li sar bejn l-apepllant u martu mnejn jirrizulta li ntlahaq ftehim bejn il-partjiet fuq il-manteniment u gie dikjarat li, salv dak miftiehem, il-partjiet ma fadlilhom l-ebda pretensjoni fil-konfront ta’ xulxin. Xehdet ukoll mart l-appellant li kkonfermat dan kollu, inkluz li r-revizjoni fil-manteniment saret minhabba bdil fil-kundizzjonijiet ta’ l-appellant.

Issa, l-imputazzjoni dedotta mhijiex, min-natura taghha, rinunzjabbli. Izda, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deciz fid-9 ta’ Lulju 2003 u f’diversi sentenzi sussegwenti:

**“l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament.”**

Konsegwentement, u wara li qieset it-talba ta’ mart l-appellant tramite d-difensur taghha minhabba l-kondizzjoni ta’ l-appellant, u l-fedina penali aggornata

tieghu mnejn ma jirrizultawx kundanni ohra simili, ghandu jkun hemm temperament sostanzjali fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal gimaghtejn detenzjoni u minflok iccanfar u twiddeb lill-imsemmi Alfred Barbara biex ma jergax, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------